**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2004**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **RELIĠJON** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

## TAQSIMA A (8 marki)

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Dawn kienu l-ħbieb speċjali ta' Ġesù li kellhom ikomplu x-xogħol tiegħu fid-dinja:
   a) id-dixxipli b) il-midinbin ċ) l-Appostli d) il-Pubblikani

2. Fil-ktieb ta' 'L-Atti ta' l-Appostli" nsibu:
   a) ir-rakkonti ta' Ġesù qabel it-tlugħ tiegħu fis-sema
   b) kif twieldet il-Knisja
   ċ) il-parabboli u l-mirakli ta' Ġesù
   d) il-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu

3. Xi tfisser Ruħ il-Qodos?
   a) L-Għid il-Kbir b) L-Ispirtu s-Santu ċ) Il-Ġenna d) Tempju kbir

4. Dan kien wieħed mis-seba' djakni:
   a) Pawlu b) Mattew ċ) Stiefnu d) Indrì

5. L-ewwel Insara kienu jiċċelebraw l-Ewkaristija:
   a) fis-sinagoga b) fit-tempju ċ) fil-knisja d) fid-djar

6. L-ewwel pagan li tgħammed kien jismu:
   a) Sawl b) Stiefnu ċ) Mattija d) Kornelju

7. Is-suċċessuri ta' l-Appostli huma:
   a) is-seminaristi
   b) l-abbatini
   ċ) il-Papa u l-Isqfijiet
   d) is-sagristani

8. Min waqqaf il-'Little Sisters of the Poor'?
   a) Madre Tereża
   b) Mons. Mikiel Azzopardi
   ċ) Jean Jugan
   d) San Ġwann Bosco

**TAQSIMA B** **(10 marki)**

**Imla l-vojt.**

"Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn _______________, għamiltuh miegħi."
"Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri jekk ikollkom l-_______________ bejnietkom."
"Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-_______________! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek."
"Jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas _______________ ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom."
"Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u _____________________ fl-isem tal-Missier, u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu."

**TAQSIMA Ċ** **(30 marka)**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:**

1. Għaliex il-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli għandu importanza speċjali għalina l-Maltin?
___________________________________________________________
2. X'inhu dak li jkisser l-għaqda ta' bejnietna?
___________________________________________________________
3. Għaliex lil Ġesù nsibuh bħala 'r-Ragħaj it-Tajjeb'?
___________________________________________________________
4. Meta ġiet imwaqqfa l-ewwel komunità Nisranija?
___________________________________________________________
5. Semmi żewġ persuni mhux Maltin li ddedikaw ħajjithom biex jgħinu lil min hu fil-bżonn.
___________________________________________________________
6. X'kienu jfissru għall-ewwel Insara l-kliem "jaqsmu l-ħobż"?
___________________________________________________________
7. X'jiġi mġedded kull darba li niċċelebraw il-quddiesa?
___________________________________________________________
8. Agħti raġuni **waħda** għaliex Appostlu kien jikteb ittra.
___________________________________________________________
9. X'inhu l-Konċilju?
___________________________________________________________

10. X'inhu t-talb?

______________________________________________

11. Skond San Pawl, x'għandha tkun l-imġiba tagħna lejn min jagħmlilna d-deni?

______________________________________________

12. X'tifhem bi 'Knisja Kattolika'?

______________________________________________

13. Semmi żewġ pajjiżi li fihom San Pawl waqqaf komunitajiet Insara.

______________________________________________

14. X'inhu x-xogħol spiritwali tas-saċerdot?

______________________________________________

15. Bħala student/a, kif tista' tagħti sehmek aħjar fil-ħajja tal-Knisja?

______________________________________________

**TAQSIMA D** **(15-il marka)**

**Aqra s-silta ta' hawn taħt u wieġeb il-mistoqsijiet ta' warajha:**

*"....ħassew kliemu jinfdilhom qalbhom u bdew igħażżu snienhom kontra tiegħu. Imma hu, mimli bl-Ispirtu s-Santu u b'għajnejh fis-sema, ra l-glorja ta' Alla. U qal: 'Ara, qiegħed nara s-sema miftuħ u lil Bin il-bniedem fil-lemin ta' Alla.' U huma nfexxew igħajtu kemm jifilħu u jsoddu widnejhom. Imbagħad intefgħu fuqu lkoll f'daqqa, kaxkruh 'il barra mill-belt u qabdu jħaġġruh. Ix-xhieda qiegħdu ħwejjiġhom f'riġlejn żagħżugħ jismu Sawl. Lil Stiefnu qabdu jħaġġruh huwa u jitlob u jgħid: 'Mulej Ġesù, ilqa' r-ruħ tiegħi.' Imbagħad niżel għarkobbtejh u għajjat b'leħen għoli: 'Mulej, tgħoddulhomx dan id-dnub.' U kif qal hekk, miet." (Atti 7, 54-60)*

1. F'liema Testment tal-Bibbja nsibu din il-ġrajja t'hawn fuq?

______________________________________________ (marka)

2. Min kien qed jiġi mħaġġar, u x'kien jismu dak iż-żagħżugħ li żamm ħwejjeġ ix-xhieda?

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

3. Xi tfisser il-kelma 'martri'?

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

4. Kif nafu li dak li kien qed jiġi mħaġġar kien tassew dixxiplu ta' Ġesù?

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

5. Minn fejn sab il-kuraġġ u l-qawwa dak li kien qed jiġi mħaġġar biex jibqa' miexi sa l-aħħar fuq il-passi ta' Ġesù?

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

6. X'inhuma r-raġunijiet ewlenin għaliex aħna l-Insara għandna naħfru lill-oħrajn?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3 marki)

7. Għid xi jfissru dawn l-abbrevjazzjonijiet: **Atti 7, 54-60**

**Atti**: ______________________

**7**: ____________________ **54-60**: ____________________ (3 marki)

## TAQSIMA E (20 marka)

**Wieġeb fuq karta separata.**

Fil-Parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb, fis-sejħa ta' Levi, u fil-fejqan ta' bint il-mara Sirofeniċja, Ġesù ried igħallem kif għandna nġibu ruħna ma' nies li ma jkunux jaqblu magħna.

1. Irrakkonta **waħda** minn dawn il-tliet ġrajjiet:
   a. il-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb **jew**
   b. is-sejħa ta' Levi **jew**
   ċ. il-fejqan ta' bint il-mara Sirofeniċja. (15-il marka)

2. Għid x'jgħallimna Ġesù fl-istorja li għażilt u kif aħna għandna nġibu ruħna ma' min ma jaqbilx magħna. (5 marki)

## TAQSIMA F (17-il marka)

**Din is-sena tgħallimt fuq il-ktieb ta' 'L-Atti ta' l-Appostli'.**

1. Ikteb madwar 30 kelma fuq dan il-ktieb.
   (min kitbu, kif jinqasam, min hu importanti fl-ewwel taqsima, għaliex hu importanti għalina l-Maltin). (7 marki)

2. Irrakkonta ġrajja waħda minn dawn, mill-Atti ta' l-Appostli li studjajt din is-sena.
   (il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu, il-konverżjoni ta' Kornelju). (10 marki)